

Brussell, 13 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11820/1/26
REV 1

PUBLIC 56
INF 215

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - Mejju 2026

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill permezz ta' proċedura bil-miktub f'Mejju 2026.¹

Għal referenza faċli, it-"titoli qosra" kif imsemmija fl-aġendi tal-Kunsill huma indikati wkoll (bil-korsiv).

Huwa jipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni permezz ta' proċedura bil-miktub,²
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali.

Informazzjoni dwar atti oħra adottati mill-Kunsill tista' tinstab fuq il-paġna web iddedikata tal-Kunsill, taħt it-taqsimha "Laqgħat"³. Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill: [Sommarji ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill - Consilium](#)

¹ Minn Jannar 2026, is-sommarji ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill ser jinkludu biss informazzjoni dwar atti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi adottati permezz ta' proċedura bil-miktub. F'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-[regoli ta' proċedura tal-Kunsill](#) "Għandu jiġi mfassal kull xahar mis-Segretarjat Ġenerali sommarju tal-atti adottati bil-proċedura bil-miktub. Dan is-sommarju għandu jkun fih id-dikjarazzjonijiet possibbli maħsuba sabiex jiddaħħlu fil-minuti tal-Kunsill. Il-partijiet ta' dan is-sommarju li jikkonċernaw l-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi għandhom ikunu pubblikati."

² Fil-każ ta' atti leġiżlattivi adottati bil-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-adozzjoni mill-Kunsill u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġiżlattivi adottati bil-proċedura leġiżlattiva ordinarja jitqiesu li ġew adottati biss wara li jiġu ffirmati kemm mill-President tal-Kunsill u mill-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

³ <https://www.consilium.europa.eu/mt/home/>

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill fuq: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#).

Jekk ma jkunux disponibbli direttament, tista' ssir talba għal aċċess għal dokumenti fuq: <https://www.consilium.europa.eu/mt/documents/public-register/request-document-form/>

Għandu jiġi nnotat li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni.

Proċeduri bil-miktub

Proċedura bil-miktub konklużi fis-7 ta' Mejju 2026	CM 2741/26
<i>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/450/PESK dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fis-Sudan</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/1049 tas-7 ta' Mejju 2026 li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/450/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan	8758/26 + ADD 1 + COR 1 (de)
<i>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jimplimenta l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 747/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan</i> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2026/1051 tas-7 ta' Mejju 2026 li jimplimenta l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 747/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan	8761/26 + ADD 1 + COR 1 (de)
Proċedura bil-miktub konklużi fis-7 ta' Mejju 2026	CM 2775/26
<i>Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 261/2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u r-Regolament (KE) Nru 2027/97 dwar ir-responsabbiltà tat-trasportaturi bl-ajru fir-rigward tat-trasport ta' passiġġieri u l-bagalji tagħhom bl-ajru</i> Nuqqas ta' approvazzjoni tal-emendi tal-Parlament Ewropew fit-tieni qari	
Proċedura bil-miktub konklużi fid-29 ta' Mejju 2026	CM 3062/26
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2026/1213 tad-29 ta' Mejju 2026 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Komitati tal-Partijiet tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, fl-20 laqgħa tiegħu, rigward konklużjonijiet dwar l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet fir-rigward ta' ċerti Partijiet ta'dik il-Konvenzjoni u rigward l-elezzjoni ta' membri tal-Grupp ta' esperti dwar l-azzjoni kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement	9225/1/26
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2026/1212 tad-29 ta' Mejju 2026 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Komitati tal-Partijiet tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, fl-20 laqgħa tiegħu, rigward konklużjonijiet dwar l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet fir-rigward ta' ċerti Partijiet ta'dik il-Konvenzjoni u rigward l-elezzjoni ta' membri tal-Grupp ta' esperti dwar l-azzjoni kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, fir-rigward ta' materji relatati mal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni	9226/26